MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2013

Numru. 48/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Raymond Camilleri**

Kaz Numru: 48/2013

Illum 3 ta’ Lulju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Raymond Camilleri**, ta’ tlieta u tletin (33) sena, iben Joseph u Coronata neé Muscat, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-13 ta’ Settembru 1979, residenti ‘Metallica’, Triq tad-Duru, Nadur, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 22979G, akkuzat talli nhar il-25 ta’ April 2013

ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar (14:30hrs) gewwa Triq Taht Putrijal, fir-Rabat, Ghawdex:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta’ ufficjal tat-Transport Malta EO 193 Joseph Camilleri, persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ ufficjal tat-Transport Malta EO 193 Joseph Camilleri, li huwa persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien ghamel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ma halliex jew fixkel lill-ufficjal tat-Transport Malta EO193 Joseph Camilleri waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliehx jaghmel dak li b’ligi kien ordnat jew setgha jaghmel;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ ufficjal tat-Transport Malta EO 193 Joseph Camilleri hekk kif gie ccertifikat minn Dr. J. Galea MD;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija flimkien mal-piena tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta’ EO 193 Joseph Camilleri.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. “FT 5” – *a fol.* 24).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat, minghajr ammissjoni ta' htija, jiskuza ruhu ghall-akkadut u semghetu wkoll jobbliga ruhu li ma kien bl-ebda mod ser idejjaq, jimmolesta jew ikellem lill-kwerelant EO 193 Joseph Camilleri.

Semghet ukoll lill-kwerelant EO 193 Joseph Camilleri jiddikjara li kien qed jaghzel li ma jixhidx fil-konfront tal-imputat u li kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Rat li l-imputat ma xehedx u anqas ressaq ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tal-hames (5) imputazzjonijiet, tillibera lill-imputat, fuq nuqqas ta' provi, u, fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja.

Finalment, in segwitu ta' dak dikjarat mill-*parte civile* fis-seduta tal-lum, fejn irrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------